# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D. – AGENT PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Frar, 2002**

**Numru 1**

**Cit. Nru. 1/02**

**Emanuel Farrugia**

**vs**

**Carmel Degabriele, Kummiss-jonarju Elettorali Ewlieni, u l-Kummissjonarji Elettorali Dr. Ena Cremona, Giovanni Ganado, Henry Di Stefano, Mario Callus, George Borg Cardona, John DeGray, Reginald A. Cuschieri u Victor Cavallo f'isimhom u f'isem il-Kummissjoni Elettorali**

**Il-Qorti,**

**I. <u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell li Emanuel Farrugia ("l-appellant") qed jinterponi quddiem din il-Qorti minn decizjoni li ttiehdet fil-konfront tieghu mill-

Kummissjoni Elettorali permezz ta' ittra datata 6 ta' Frar, 2002. Dana l-appell qed isir ai termini tar-Regolament 22 (5) tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar l-Elezzjonijiet ghall-Kunsilli Lokali, liema Regolamenti jidhru bhala t-Tielet Skeda annessa ma' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

2. Jirrizulta li l-appellant pprezenta ruhu bhala kandidat ghall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug li ghandha ssir fid-9 ta' Marzu, 2002. Il-formula tan-nomina preskritta mir-regolamenti, inter alia, kellha tkun iffirmata

> "mill-anqas minn erba' eletturi registrati fil-lokalita' li ghaliha l-kandidat ikun nominat".

3. Ftit tal-hin qabel ma ghalaq iz-zmien li fih setghu isiru validament l-oppozizzjonijiet ghan-nomini, rapprezentant tal-Partit Nazzjonalista ressaq oppozizzjoni bil-miktub kontra l-kanditatura ta' l-appellant. Din l-oppozizzjoni kienet bazata fuq l-allegazzjoni li wahda mill-persuni li kienet iffirmat il-formola tan-nomina ta' l-appellant, cioe' is-sinjura Doreen Attard Montalto, ma kienetx indikata b'mod korrett fir-Registru Elettorali ghall-Kunsilli Lokali in kwistjoni. Infatti, gie indikat li l-kaz taghha kien pendenti quddiem Ufficjal Revizur u r-rikors relattiv kellu jinstema' fl-14 ta' Frar, 2002. La d-dokument li bih saret l-oppozizzjoni ghan-nomina ta' l-appellant bhala kandidat u lanqas ir-rikors pendenti quddiem l-Ufficjal Revizur ma gew esebita fl-atti ta' din il-kawza.

Madanakollu, mit-trattazzjoni tal-kawa, din il-Qorti fehmet li l-oppozizzjoni ghan-nomina ta' l-appellant kienet bazata fuq l-allegazzjoni li fl-ipotesi li dak ir-rikors kellu jkollu ezitu positiv, allura kien sejjer jigi stabbilit li s-sinjura Doreen Attard Montalto ma kellhiex tkun registrata fil-lokal ta' Haz-Zebbug. Kwindi' n-nomina ta' l-appellant ma kienetx tkun wahda valida billi persuna wahda mill-erba' li pproponewh ma kienetx debitament registrata fil-lokalita' ta' Haz-Zebbug. Dan kien igib in-nullita' tan-nomina tal-kandidatura ta' l-appellant billi din ma kienetx tissodisfa l-vot tal-ligi li tali nomina kellha tkun imsahha <u>bil-firem ta' mill-anqas erba' eletturi registrati fl-istess lokalita'</u>.

4. Rinfaccjata b'din l-oppozizzjoni ghal kandidatura ta' l-appellant, il-Kummissjoni Elettorali ("il-Kummissjoni") baghtet is-segwenti decizjoni lill-appellant, permezz ta' ittra datata 6 ta' Frar, 2002 li tghid hekk:

> "Il-Kummissjoni Elettorali rceviet oppozizzjoni ghan-nomina tieghek bhala kandidat ghal Kunsill Lokali Zebbug u laqghatha. Hemm rikors pendenti li ghandu jigi deciz fl-14 ta' Frar, 2002 kontra wiehed mill-erba' persuni li nnominawk, u fil-kaz ta' ezitu pozittiv tar-rikors, in-nomina tieghek tkun nulla.
>
> Il-Kummissjoni tigbidlek l-attenzjoni ghall-fatt li skond regolament 22(5) tat-Tielet Skeda ta' l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, inti tista' tikkontesta d-decizjoni tal-Kummissjoni permezz ta' citazzoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell mhux aktar tard minn erbgha u ghoxrin siegha min-notifika ta' din id-decizjoni".

## **<u>II. Ic-Citazzjoni</u>**

5. Effettivament, l-appellant ikkontesta din id-decizjoni tal-Kummissjoni, fit-terminu stabbilit mil-ligi, bl-odjerna <u>citazzjoni</u> quddiem din il-Qorti. L-appellant qieghed isostni li d-decizjoni tal-Kummissjoni hija manifestament zbaljata billi l-persuni kollha li nnominawh bhala kandidat huma kollha persuni kwalifikati u idoneji biex jinnominawh ghall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug.

6. L-Appellant qieghed jitlob li dina l-Qorti (1) tirrevoka d-decizjoni tal-Kummissjoni li biha laqghet l-oppozizzjoni ghan-nomina tieghu bhala kandidat ghall-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug u (2) konsegwentement, tiddikjara li l-kandidatura tieghu ghall-elezzjoni ta' l-istess Kunsill fid-9 ta' Marzu, 2002, kienet valida u skond il-ligi.

## **<u>III. L-eccezzjonijiet</u>**

7. Il-Kummissjonarju Elettorali Principali, kif ukoll it-tmien Kummissjonarji Elettorali li jifformaw il-Kummissjoni, imharrka f'isimhom proprju u f'isem il-Kummissjoni qieghdin jikkontestaw din il-kawza b'zewg <u>eccezzjonijiet</u> hekk:-

> "Illi fl-ewwel lok l-appell huwa ipotetiku ghaliex l-ufficjal revizur ghandu ma kkancellax ir-registrazzjoni tal-persuna;

Illi fit-tieni lok id-decizjoni tal-Kummissjoni kienet wahda korretta billi t-tibdil fir-registrazzjoni maghmula mill-ufficjal revizur ghandha effett retroattiv ghad-data tal-pubblikazzjoni tar-registru u ghalhekk jirrizulta, jekk dak l-appell jintlaqgha, li n-nomina tal-kandidat attur ma tkunx saret minn erba' votanti registrati fil-lokalita".

8. Din il-Qorti appuntat il-kawza ghas-seduta tal-11 ta' Frar, 2002. Dakinhar semghet il-provi li ressqu l-kontendenti u wara li semghet ukoll is-sottomissjonijiet ta' l-Avukati difensuri ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum.

## IV Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-ewwel eccezzjoni

9. Fl-ewwel lok il-Qorti ghandha tiddefinixxi l-ewwel eccezzjoni, li bazikament tirriduci ruhha f'eccezzjoni ta' indoli procedurali, li biha qed jigi allegat li l-appell odjern huwa intempestiv. Il-konvenuti appellati qeghdin isostnu li dan l-appell huwa wiehed ipotetiku ghaliex l-Ufficjal Revizur ghadu ma kkancellax ir-registrazzjoni tal-persuna (cioe' tas-Sinjura Doreen Attard Montalto).

10. Din l-eccezzjoni kienet tkun pjenament gustifikata li kieku il-Kummissjoni, minflok ma fformolat id-decizjoni taghha migjuba fil-paragrafu 4 supra, ifformolata bl-istess mod kif irredigiet id-decizjoni li baghtet fl-istess jum tas-6 ta' Frar, 2002 lis-Sinjura Attard Montalto.

Infatti, din il-persuna ukoll kienet giet nominata bhala kandidat ghall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug u fil-konfront taghha wkoll saret oppozizzjoni ghan-nomina taghha. Wiehed ghandu jinnota li l-Kummissjoni ghazlet li ma tiddecidix mill-ewwel dwar dik l-oppozizzjoni u informat lis-Sinjura Attard Montalto hekk:-

> "Il-Kummissjoni Elettorali rceviet oppozizzjoni ghan-nomina tieghek bhala kandidat ghal Kunsill Lokali Zebbug. Din l-oppozizzjoni hi kkondizzjonata mid-decizjoni ta' l-Ufficjal Revizur dwar ir-rikors pendenti li ghandu jigi deciz fl-14 ta' Frar, 2002.
>
> Ghalhekk, iz-zmien li fih il-Kummissjoni tista' tiddeciedi dwar l-oggezzjoni ghan-nomina tieghek gie estiz sal-Hamis 14 ta' Frar, 2002".

11. Wiehed mill-ewwel jinnota li l-kontenut ta' din il-komunikazzjoni li saret mill-Kummissjoni lis-Sinjura Attard Montalto huwa ghal kollox differenti mill-kontenut tal-komunikazzjoni li saret mill-Kummissjoni lill-appellant. Il-Kummissjoni informat lill-appellant li kienet irceviet oppozizzjoni ghan-nomina tieghu bhala kandidat u <u>li hija kienet laqghet tali oppozizzjoni</u>. Huwa veru li l-kliem li jsegwi fl-ewwel paragrafu ta' l-ittra huma pjuttost ekwivoci. Pero', it-tieni paragrau ma jhalli ebda ombra ta' dubbju li l-Kummissjoni kienet <u>effettivament laqghet l-oppozizzjoni</u> ghan-nomina ta' l-appellant bhala kandidat ghall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug. Infatti, f'dan il-paragrafu il-Kummissjoni ghamlet espressament riferenza ghar-regolament 22 (5) fuq imsemmi u gibdet l-attenzjoni ta' l-appellant li huwa seta' jikkontesta

d-decizjoni tal-Kummissjoni permezz ta' citazzjoni quddiem din il-Qorti mhux aktar tard minn erba''u ghoxrin siegha min-notifika ta' l-istess decizjoni.

12. Din il-Qorti jidhrilha li m'ghandhiex ittawwal izjed fuq din il-kwistjoni. Tghid biss li anke ix-xhieda tas-Segretarju tal-Kummissjoni tikkonferma li l-Kummissjoni kienet laqghet l-oppozizzjoni li ghamel il-Partit Nazzjonalista fil-konfront tal-kandidatura ta' l-appellant, tant li l-istess Kummissjoni hasset id-dover li tiktiblu car u tond li kellu dritt li jikkontesta id-decizjoni li waslet ghaliha l-Kummissjoni u indikatlu t-terminu u d-dispozizzjoni tal-ligi rilevanti.

13. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti appellanti hija assolutament infondata ghaliex l-appellant, jekk ma kienx jaqbel mad-decizjoni tal-Kummissjoni, ma kellu ebda triq ohra disponibbli ghalih hlief li jikkontesta d-decizjoni in kwistjoni <u>bil-mod li gie indikat lilu mill-istess Kummissjoni</u>. Kontestazzjoni li huwa effettwament ressaq.

## V. <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar il-mertu</u>

14. Imiss issa li l-Qorti tinvestiga u tidderimi il-mertu proprju tal-kawza odjerna. Diga' intqal li skond ir-regolament 22(1) fuq imsemmi, wiehed mir-rekwiziti li huwa necessarju biex il-formula tan-nomina ta' kandidat

ghal elezzjoni tkun valida huwa precizament li din il-formula jkun fiha il-firem ta' mill-inqas erba' proponenti li ghandhom ikunu :

> "erba' eletturi rregistrati fil-lokalita' li ghaliha l-kandidat ikun nominat."

L-appellant qieghed jaghti interpretazzjoni litterali ghall-kliem tal-ligi appena citat. Qieghed isostni li jekk in-nomina tieghu tkun sorretta mill-firem ta' erba' persuni li effettivament huma registrati bhala eletturi fir-Registru Elettorali tal-lokalita' li ghaliha gie nominat bhala kandidat, u li hekk ikun u registrati fiz-zmien determinat li fih il-Kummissjoni tkun avzat li ser tircievi in-nomini ta' kandidati ghall-elezzjoni bhala kunsillieri, allura in-nomina tieghu tkun debitament valida skond il-ligi u dana indipendentement minn dak kollu li jista' jigi wara fil-konfront ta' dawn l-istess erba' persuni u li jista' jaffettwa r-registrazzjoni taghhom fuq l-istess Registru Elettorali.

15. Il-konvenuti appellati, min-naha l-ohra, jissottomettu tezi diversa. Huma jsostnu li dak li jista' jigri wara fil-konfront tal-proponenti, li jista' jaffettwa r-registrazzjoni taghhom fir-registru elettorali, jaffettwa wkoll b'mod retroattiv in-nomina tal-kandidat in kwistjoni. Fil-kaz odjern, fl-ipotesi li s-sinjura Attard Montalto tigi dikjarata li ma tikkwalifikax bhala residenti f'Haz-Zebbug u konsegwentement l-Ufficjal Revizur jemana l-ordnijiet relattivi li jaffettwaw ir-registrazzjoni taghha bhala elettur fil-

lokalita' in kwistjoni, allura f'dina l-ipotesi l-konvenuti appellati qieghdin isostnu li n-nomina tal-appellant ma tkunx wahda valida ghaliex tkun sorretta biss minn tlett proponenti bi kwalifiki validi. Isegwi li n-nomina tal-appellant ghaliex ma tkunx giet maghmula skond id-dispozizzjoniijiet tal-ligi relevanti.

16. Konfrontata b'dawn iz-zewg tezijiet konfliggenti, din il-Qorti ghamlet is-segwenti riflessjonijiet li inevitabilment jinklinawha li taghzel li tadotta t-tezi tal-appellant bhala dik it-tezi li hija ferm aktar konformi kemm mal-kliem tar-regolament in kwistjoni u kemm ukoll mal-ispirtu li ghandu janima t-thaddim ta' l-istess regolarment.

17. Fl-ewwel lok, il-kliem partikolari wzat fir-regolarment 22(1) cioe' dak il-kliem li jindika xi kwalifiki ghandu jkollha dik il-persuna li tagixxi ta' proponent jew sekondent fuq il-formula tan-nomina ta' kandidat huwa car u limpidu bizzejjed :- is-sekondant jew proponent ghandu jkun elettur li jkun registrat bhala tali fil-lokalita' li ghaliha l-kandidat ikun nominat. Il-kliem li jintuza fir-regolament u car u ftit li xejn jaghti lok ghal ebda interpellazzjoni jekk mhux biss l-interpretazzjoni litterali. Il-Qorti jidhrilha li r-rikjam li l-konvenuti appellati qieghdin jaghmlu ghall-principju, pjuttost dibattibbli fic-cirkostanzi, tar-retroattivita' f'tentattiv biex japplikawh ghas-semplici kaz ta' sekondant ta' kandidatura huwa

esercizzju li certament ma jidhirx li hemm lok li jsir meta l-kliem tad-disposizzjoni in kwistjoni huwa daqs hekk car u limpidu.

18. Fit-tieni lok, din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma' l-provi biex tistabbilixxi l-procedura li l-Kummissjoni tadotta meta tilqa' l-formoli tan-nomina tal-kandidati ghall-elezzjoni. Irrizultalha li qabel ma l-kandidat jithalla jikkonsinna dik il-formula lil wiehed mill-Kummissjonarji fl-Ufficju Elettorali, dik il-formula tghaddi minn process shih ta' verifika biex il-Kummissjoni tassikura ruhha li kemm il-kandidat stess u kemm ukoll is-sekondanti jkunu jidhru registrati bhala eletturi fil-lokalita' partikolari li ghaliha l-kandidat ikun gie nominat. Din il-verifika issir kemm manwalment u kemm ukoll eletronikament, minn ufficjali tal-Kummissjoni, tramite ezami akkurat fir-Registru Elettorali ghall-Kunsill Lokali rivedut. Fi kliem iehor, il-formula tan-nomina ma tigix semplicement pprezentata u accettata izda qabel tigi hekk accettata l-ufficjali tal-Kummissjoni jivverifikaw sewwa l-kontenut taghha biex, "interalia", jaccertaw ruhhom li l-erba sekondanti li ffirmaw il-formula jkunu verament eletturi li jidhru debitament registrati fil-lokalita' li ghaliha l-kandidat ikun nominat. Il-prassi tal-Kummissjoni stess tindika li fil-konfront ta' dawn is-sekondanti din hija l-unika verifika rilevanti li dejjem saret. Infatti, rrizulta li fid-database tal-computer tal-Kummissjoni, jkunu debitament registrati dawk ir-rikorsi li jkunu pendenti quddiem l-Ufficjal Revizur, u allura huma facilment ritraccjabbli dawk l-eletturi li r-

registrazzjoni taghhom tkun qieghdha taht skrutinju. Irrizulta li meta l-ufficjali tal-Kummissjoni jaghmlu l-verifiki li ssemmew qabel dwar il-formula tan-nomina, huma ma jindikawx jekk is-sekondanti humiex soggetti ghall-iskrutinju msemmi, minkejja li tali verifika tista' issir facilment minnhom. Infatti, meta l-Qorti staqsiet lis-Segretarju tal-Kummissjoni ghaliex l-ufficjali ma jestendux il-verifika taghhom ghal tali tficcija wkoll, huwa rrisponda hekk:-

> "Xhud : Ghax mhux relevanti. Normalment il-procedura hija li wiehed jikkonferma dak li qed jidher fir-registru, dik kienet il-procedura li giet segwita over the years s'issa kemm fil-parti manwali u kemm ukoll mad-database fuq ir-registru.
>
> Qorti : Dan kien l-ewwel kaz li qam fuq dan il-punt?
>
> Xhud : Sakemm niftakar jien over 20 sena nahseb li dan kien l-ewwel kaz li kellna fuq is-sekondant, mhux ta' kandidati ghax ta' kandidati kellna diversi kazi fil-passat over the years."

19. Fit-tielet lok, huwa sinifikattiv ghal din il-Qorti fatt li rrizulta mill-provi migbura, u li wkoll jikkorrabora l-prassi adoperata sa issa mill-Kummissjoni. Jirrizulta li jekk il-Kummissjoni tkun konxja li fil-konfront ta' xi elettur, li jkun qed jagixxi ta' sekondant ta' kandidat, ikun hemm pendenti xi rikors quddiem l-Ufficjal Revizur, il-Kummissjoni stess taghzel li ma tqajjimx oppozizzjoni ghan-nomina tal-kandidat in kwistjoni, nonostante li huwa jkun gie sekondat minn persuna li tkun ghada soggetta ghal tali skrutinju ta' l-Ufficjal Revizur. Din ix-xelta l-Kummissjoni taghmilha xjentement nonostante li r-Regolament 22(4)

jaghti s-setgha lill-Kummissjoni nnifisha li tressaq kull oppozizzjoni li jidhrilha li tkun xierqa.

20. Fir-raba' lok, din il-Qorti ma tistax ma taghmilx rikjam ghall-principju sagrosant tal-buona fede li ma jsibx postu biss fl-esekuzzjoni tal-kuntratti ordinarji bejn ic-cittadini komuni, izda, multo magis, ghandu janima l-operat kollu tal-Kummissjoni. Huwa doverus ghal din il-Kummissjoni li dejjem tagixxi, fil-konfront ta' kullhadd, bl-aktar mod trasparenti u leali, biex il-process elettorali, li hu s-sinsla tad-dahar tad-demokrazija, jkun imsahhah u jissarraf f'rizultati elettorali gusti u skond il-ligi. B'applikazzjoni ta' dan il-principju jsegwi li, billi llum-il gurnata, bil-mezzi elettronici soffistikati indubbjament disponibbli ghall-Kummissjoni hu daqshekk facli ghall-ufficjali tal-Kummissjoni li jkunu nformati, kwazi istantanjament, bi kwalunkwe skrutinju li jista' jkun qieghed isir fil-konfront ta' kull elettur, allura, fl-ipotesi li l-kummisssjoni hija verament konvinta mit-tezi li qeghda tesponi f'din il-kawza, il-Kummissjoni kellha thoss hija stess id-dover li, a tempo debito, tinforma lill-appellant bid-diffikulta' li seta' jkun hemm fil-konfront ta' wiehed mis-sekondanti tieghu, sabiex huwa jkun jista' jirregola ruhu.

21. Fil-hames lok, din il-Qorti ma tistax ma taghtix importanza massima ghall-valur tac-certezza, valur dan, li huwa indispensabbli fil-process elettorali. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, il-kwistjoni jekk

sekondant ghandux jew le il-kwalifiki necessarji biex jagixxi ta' sekondant, ghandha tirrizulta b'mod konklusiv mill-ahhar Registru Elettorali ghall-Kunsilli Lokali rivedut, ezattament kif kristalizzat fiz-zmien determinat li fih tigi pprezentata u accettata il-formula tan-nomina tal-kandidat. Ghalhekk, kwalunkwe ziedet, tifsiriet jew korrezzjonijiet li talvolta jista' jigu ordnati mill-Ufficjal Reviziv fil-konfront ta' xi sekondant wara dak iz-zmien m'ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni biex, b'mod retroattiv, jigu verifikati mill-gdid, il-kwalifiki tas-sekondanti li jidhru fuq il-formula tan-nomina.

22. B'hekk biss tista' tigi assikurata c-certezza dwar min jista' jkun jew min ma jistax ikun sekondant. Diversament, kandidat jista' facilment jigi intortament u inutilment pregudikat, bi hsara ghall-process elettorali. A skans ta' ekwivoci, dan li qed jinghad jghodd ghal-kaz taht investigazzjoni u cioe' l-kaz biss tas-sekondant, billi fil-kaz tal-verifika tal-kwalifiki tal-kandidat innifsu u tal-eletturi fl-elezzjoni, il-valur tac-certezza ghandu jigi ekwilibrat bil-valur tal-verita' reali, kif jesigi l-artikolu 35 tal-Att tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet generali.

23. Illi ghalhekk din il-Qorti, wara li ghamlet dawn ir-riflessjonijiet, waslet ghall-konkluzjoni li l-pretensjoni tal-konvenuti appellati, kif kontenuta fit-tieni eccezzjoni li ssollevaw, ma hijiex wahda korretta u gusta u konsegwentement ma tistax tintlaqa'. Invece, il-pretensjoni ta' l-

appellant kif fuq spjegata tidher konformi mal-kelma u l-ispirtu tal-ligi u ghalhekk it-talbiet ta' l-appellant hemm lok li jintlaqghu.

24. Ghal dawn il-motivi ;

(a) Tichad iz-zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti appellati;

(b) Tilqa' t-talbiet tal-attur appellant, ezattament kif dedotti fl-att tac-citazzjoni;

(c) Tordna li l-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuti appellati.

Dep/Reg

mm/mg